MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2007

Appell Civili Numru. 170/1995/2

Jude Thaddeus *sive* Teddy **RAPA** bħala direttur u għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' Rapa Showrooms Company Limited

vs

Francesco *sive* Frank **RAPA** għan-nom u in rappreżentanza ta' Rapa Brothers Co. Ltd.

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fil-25 ta’ Lulju, 2006, li bih il-kumpannija mħarrka appellata (aktar ’il quddiem imsejħa “r-rikorrenti”) ippremettiet illi:

“Permezz ta’ Ċitazzjoni preżentata fl-4 ta’ Ottubru, 1995, l-attur Teddy Rapa *nomine* (u mhux Frank Rapa kif indikat erronjament fis-sentenza) qed jagħmel talba biex jiżgombra lis-soċjeta’ konvenuta ‘l barra mill-art imsejħa “Tal-Għonq” *sive* “Tan-Nuffara” *sive* “Ta’ Ċiangar”, limiti ta’ Victoria, Għawdex, stante li din kienet qegħda tiġġestixxi negozju u tuża dan il-fond kontra r-rieda tal-attur *nomine* u mingħajr ebda titolu validu fil-liġi u dana wara li ġie premess li l-art u l-ambjenti ta’ fuqha kienu ġew akkwistati mill-istess soċjeta’ attriċi in forza ta’ kuntratt pubbliku datat 3 ta’ Awissu, 1994;

“Illi s-soċjeta’ konvenuta kienet ikkontestat tali talbiet tal-attur *nomine* permezz ta’ Nota tal-Eċċezzjonijiet preżentati fl-14 ta’ Novembru, 1995, in forza ta’ liema ntqal:- (a) In-nullita’ taċ-ċitazzjoni peress li jidher mill-atti li ċ-ċitazzjoni u d-dikjarazzjoni ġew preżentati f’dati differenti; (b) Li l-attur *nomine* ma hux il-leġittimu kontradittur peress illi r-rappreżentanza ġuridika tas-soċjeta’ ma hiex vestita biss fuq ismu waħdu; (ċ) Li s-soċjeta’ konvenuta kienet qegħda tiddetjeni l-art in kwestjoni b’titolu validu fil-liġi; (d) Li s-soċjeta’ konvenuta għandha tgawdi mill-*ius retentionis* fuq l-istess art sakemm din tiġi kumpensata tal-ispejjeż u benefikati minnha esekwiti fuq l-istess raba’;

“Illi permezz ta’ sentenza mogħtija fit-8 ta’ Frar, 2005, mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Superjuri (Ġurisdizzjoni Ġenerali) filwaqt li ċaħdet l-eċċezzjonijiet preliminari tas-soċjeta’ konvenuta, laqgħet l-eċċezzjoni tagħha fil-mertu u iddikjarat li s-soċjeta’ konvenuta tgawdi minn titolu validu ta’ kommodat għal użu determinat li kien għadu fis-seħħ fuq l-art in kwestjoni u konsegwentement għalhekk ċaħdet it-talba tas-soċjeta’ attriċi għallordni ta’ żgumbrament;

“Illi s-soċjeta’ attriċi kienet appellat mill-preċitata sentenza tal-Ewwel Qorti u dana a bażi u in sostanza ta’ żewġ

aggravji, u ċjoe' li: (a) l-Ewwel Qorti ma għamlitx apprezzament legali tajjeb tal-kunċett ta' l-kommodat; u (b) is-soċjeta' konvenuta naqset mill-obbligu tagħha li tipprova li l-art *de quo* kienet ingħatatilha għal xi skop partikolari u b'hekk kellu jiġi preżunt li l-art kienet qed tiġi okkupata b'titolu prekarju u b'mera tolleranza;

"Illi fir-risposta għal dan l-appell, is-soċjeta' konvenuta irriteniet li s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti kienet ġusta u timmerita li tiġi konfermata oltre li ġie rilevat li l-Qorti tal-Appell hija Qorti li għandha funzjoni ta' sempliċi reviżjoni u ċjoe' tivverifika jekk l-Ewwel Qorti setgħetx tasal raġonevolment għal tali konklużjoni tagħha fuq il-provi miġjuba o meno u **mhux li tagħmel apprezzament mill-ġdid tal-fatti u provi prodotti**; ġie notat ukoll li jirrikorru l-elementi kollha rikjesti mil-liġi għall-istitut tal-kommodat favur is-soċjeta' konvenuta;

"Illi permezz ta' sentenza datata 26 ta' Mejju, 2006, mogħtija mill-Qorti tal-Appell, din tal-aħħar fl-ewwel lok ċaħdet l-aggravju sollevat mis-soċjeta' attriċi tant li iddikjarat li "għal dak li jirrigwarda punti ta' dritt, il-Qorti tal-Prim'Istanza esponiet korrettement il-prinċipji bażilari konċernanti l-kommodat u għalhekk din il-lanjanza ta' l-appellant *nomine* taħt dana l-aspett hija bla bażi";

"Illi fl-istess sentenza, pero', u fit-tieni lok, il-Qorti tal-Appell irrilevat li ma ġewx prodotti provi biżżejjed biex jiġi stabilit it-titolu tal-kommodat favur is-soċjeta' konvenuta, kwindi ħassret is-sentenza appellata, laqgħet it-talba attriċi kif dedotta u ordnat l-iżgumbrament tas-soċjeta' konvenuta minn fuq l-art in kwestjoni (fi) żmien xahrejn mid-data ta' dik is-sentenza, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess konvenut *nomine*;

"Illi s-soċjeta' appellata ħasset ruħha aggravata mill-preċitata sentenza tal-Qorti tal-Appell u tikkontendi li jeżistu raġunijiet validi fil-liġi a tenur tal-artikolu 811 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta biex titlob li dan il-każ jerġa' jiġi ritrattat, kif fil-fatt qed jagħmel bl-odjern rikors;

"L-artikolu 811(1e) Kap 16 (*recte: 12*) tal-Liġijiet ta' Malta jistipula li kontendent huwa intitolat li jitlob għal ritrattazzjoni fejn is-sentenza tkun msusa (*sic*) fuq applikazzjoni ħażina tal-liġi (għalkemm mhux fis-sens ta' interpretazzjoni ħażina tal-liġi);

"L-istess artikolu tal-liġi pero', f'sub-artikolu numru (1ġ) jgħid li jeżisti dritt ta' ritrattazzjoni anke f'dawk il-każijiet fejn is-sentenza tkun ingħatat fuq materja oltre ossija in eċċess għal dak mitlub jew aħjar li seta' jintalab;

"Illi fil-każ in eżami, s-soċjeta' konvenuta appellata tikkontendi li hemm lok għal ritrattazzjoni fuq dawn iż-żewġ binarji in vista tal-fatt li l-Qorti tal-Appell żbaljat legalment meta għaddiet biex tagħmel apprezzament mill-ġdid tal-fatti u provi prodotti u dana meta fl-istess nifs l-istess Qorti tal-Appell esprimiet ruħha fis-sens li ma tistax tagħmel u ma kinitx sejra tagħmel tali valutazzjoni;

"Fil-fatt, il-Qorti tal-Appell tibda l-konsiderazzjonijiet tagħha billi tgħid li dwar it-tieni lanjanza tal-appellant, cjoe' li ma kienx hemm provi biżżejjed biex jiġi stabilit il-konvenzjoni ossija l-ftehim dwar in-natura tal-pussess da parti tas-soċjeta' konvenuta appellata, "**bħala regola ma tiddisturbax l-apprezzament u l-evalwazzjoni tal-Prim'Awla, li tkun qiegħdha fl-aħjar qagħda li tisma', tikkontrolla u tevalwa l-istess provi u x-xhieda prodotti u msmugħa quddiemha, sakemm l-appellant (għax fuqu tinkombi l-prova) ma jissodisfahiex illi hemm raġunijiet validi biżżejjed biex jitfgħu dubju raġonevoli fuq ilġustizzja talapprezzament tal-provi li għamlet l-Ewwel Qorti u li konsegwentement jekk ma tintervjenix biex tvarja l-konklużjonijiet minnha raġġunti tkun ser tiġi kommessa inġustizzja manifesta**";

"Illi għalkemm il-Qorti tal-Appell esprimiet ruħha b'dan il-mod, li wara kollox hija l-pożizzjoni legali ġusta li kull Tribunal tal-Appell għandu jieħu, hija xorta waħda issoktat billi tagħmel valutazzjoni u apprezzament mill-ġdid tal-provi prodotti nonostante li ma kienx hemm l-elementi indikati mnnha stess biex jiġġustifikawha biex fil-fatt

tagħmel tali eżami; infatti, l-Qorti tal-Appell ma indikatx u ma ikkunsidratx is-segwenti fatturi biex b'xi mod tiġġustifika l-aġir tagħha:-

(a) X'kienu r-raġunijiet validi li ġab l-appellant biex jitfa' dubbju raġonevoli fuq il-ġustizzja tal-apprezzament tal-provi li għamlet l-ewwel Qorti;

(b) X'kienet l-inġustizzja manifesta li kienet ser tiġi kommessa li kieku l-konklużjonijiet tal-Ewwel Qorti ma jiġux varjati;

(ċ) Fil-fatt, il-Qorti tal-Appell ma ssemmi xejn dwar il-fatturi fejn dehrilha li l-Ewwel Qorti ma setgħetx tasal raġjonevolment għal tali konklużjoni fuq il-provi prodotti quddiemha;

"Illi għalhekk, il-Qorti tal-Appell flaġir u kunsiderazzjonijiet tagħha mhux talli applikat il-liġi ħażina meta evalwat il-provi mill-ġdid fid-dawl tal-istitut tal-kommodat, iżda saħansitra aġixxiet 'l hinn mill-poteri tagħha skond il-prassi stabiliti. Illi b'tali aġir tagħha, l-Qorti tal-Appell f'kull każ ser tispiċċa jkollha funzjoni bħal dik tal-ewwel Qorti bid-differenza li t-tellief, f'dan il-każ is-soċjeta' konvenuta appellata, sejra tiġi preġudikata stante li mhux ser ikollha l-opportunita' ta' appell kuntrarjament għat-tellief tal-ewwel istanza;

"Illi mill-assjem tal-provi għandu jirriżulta bl-aktar mod ċar, ampju u manifest illi s-soċjeta' konvenuta appellata fil-fatt kienet qiegħda fil-pussess tal-art *de quo* taħt titolu validu fil-liġi ċjoe' dak tal-kommodat;

"Illi s-soċjeta' attriċi appellanti, min-naħa l-oħra, tikkontendi li l-pussess tal-art da parti tas-soċjeta' konvenuta kien wieħed mingħajr ebda titolu. Għandu jingħad, apparti l-kunsiderazzjoni tal-kommodat, (li) anke titolu ta' natura prekarja huwa fil-fatt forma ta' titolu u kwindi ma jaqax taħt il-kappa pretiża mill-attur *nomine* ta' "bla titolu";

"Illi meta s-soċjeta' appellata bdiet taħdem u topera n-negozju tagħha minn fuq l-art *de quo*, hija ma qabditx u minn jeddha ikkapparrat l-art, iżda daħlet hemm bil-kunsens u allura ftehim/konvenzjoni tas-sid ossija ta' wieħed mis-sidien ta' dak iż-żmien, ċjoe' l-istess Teddy Rapa;

"Illi huwa sinjifikativ sew il-fatt li Teddy Rapa kien u għadu azzjonista u Direttur tas-soċjeta' konvenuta appellata meta ippermetta, anzi introduċa, lis-soċjeta' konvenuta fuq l-art *de quo*. Fl-istess ħin, hu ferm sinifikanti u rilevantissimu l-fatt li l-istess Teddy Rapa kien u għadu direttur u azzjonista tas-soċjeta' attriċi sid l-art, kemm issa u kif ukoll fiż-żmien meta l-art kienet ġiet mgħoddija fisikament fil-pussess tas-soċjeta' konvenuta għal skopijiet ta' negozju tagħha. Kif jista' jkun li jingħad li ma kien jeżisti l-ebda ftehim ta' kommodat bejn is-soċjetajiet kontendenti f'din il-kawża meta s-soċju prinċipali u direttur taż-żewġ soċjetajiet kien u għadu vestit fl-istess persuna fisika;

"Illi jingħad inoltre li meta għadda l-pussess tal-art lis-soċjeta' konvenuta anke s-sidien l-oħra kienu jafu b'dan it-trasferiment u l-iskop tiegħu. Difatti, kif ben osservat il-Qorti tal-Appell, wieħed mix-xhieda oġġettivi f'dan il-proċess jgħid li "meta biegħ l-art l-aħwa Rapa kienu sħab .... li Frank Rapa kien involut fiha u kien **diġa' jaħdem l-art** ... ma jafx kienx ħaddiem jew sħab";

"Ġie provat ukoll bl-aktar mod oġġettiv u manifest li l-liċenza relattiva tan-negozju operat u ġestit mis-soċjeta' konvenuta appellata fuq l-art *de quo* fil-fatt kienet u għadha tgħajjat lill-istess soċjeta' konvenuta – liema fattur huwa sinifikanti ferm meta tqis li Teddy Rapa kien u għadu soċju u direttur taż-żewġ soċjetajiet kontendenti – u liema fattur ma jistax ikollu ħlief tifsira waħda u ċjoe' li Teddy Rapa ta' Rapa Showrooms għadda l-pussess tal-art *de quo* lil Teddy Rapa ta' Rapa Brothers biex din tal-aħħar tiġġestixxi n-negozju tagħha minn fuq l-istess u tibqa' topera hemmhekk għal tali skop sakemm tibqa' għaddejja f'tali negozju – dan huwa t-titolu ta' kommodat *par excellance* meta oġġett jiġi mgħoddi lilek għal skop

partikolari liema oġġett għandu jibqa' fil-pussess tiegħek diment li jibqa' fl-eżistenza l-iskop li għalih ikun ingħatalek;

"Ġie provat ukoll blaktar mod oġġettiv, inkluż tramite x-xhieda tal-istess attur *nomine* Teddy Rapa li l-benefikati konnessi man-negozju ġestit mis-soċjeta' konvenuta fuq l-art *de quo* difatti kienu ġew kostruwiti mill-istess soċjeta' konvenuta appellata. Difatti dan jinsab rifless fl-istess *decide* tas-sentenza fejn il-Qorti tal-Appell iddikjarat impreġudikat id-dritt ta' azzjoni favur is-soċjeta' konvenuta biex tiġi rimborsata fil-benefikati li esegwiet mal-milja taż-żmien fuq l-art *de quo*;

"Illi għalhekk, in vista tal-premess, għandu jirriżulta li l-Qorti tal-Appell apparti l-fatt li ma kinitx ġustifikata li terġa' tirrivaluta mill-ġdid il-provi prodotti u dana skond il-parametri indikati u espressi minnha stess, hija kienet u għadha għal kollox żbaljata u skorretta legalment meta ikkonkludiet bil-frasi li "**ma jidhirx li hemm provi biżżejjed biex din il-Qorti tikkonkludi li kien hemm tabilħaqq ftehim ta' kommodat bejn il-partijiet**" (liema frażi ġiet anke saħansitra sottolinejata mill-Qorti tal-Appell);

"Il-Qorti tal-Appell tissokta tiżbalja fl-argumentazzjoni tagħha meta tgħid li l-fatt li s-soċjeta' konvenuta kienet qed tiġġestixxi u topera n-negozju tagħha fuq l-art *de quo* bil-konoxxenza u kunsens tal-proprjetarji ta' dak iż-żmien ma jfissirx neċessarjament li l-art kienet ġiet mislufa lilhom għal dan l-iskop – mela wieħed jistaqsi – **Għal liema skop ingħatat din l-art lis-soċjeta' konvenuta appellata jekk mhux biex topera n-negozju tagħha minn ġo fiha ?** – Oltre dan, il-Qorti ma kellhiex tagħti importanza għall-fatt li min kien qed jagħti (is-sid) u min kien qed jirċievi (il-pussessur) kienet vestita fl-istess persuna fiżika – meta wieħed ikun qed jagħti prattikament lilu nnifsu m'huwiex wara kollox l-aqwa sinjal u prova ta' ftehim u ta' konvenzjoni bejn parti u oħra – xi trid tipprova aktar minn daqshekk ?;

"Għaldaqstant, is-soċjeta' konvenuta appellata Rapa Brothers Co. Ltd. Filwaqt li tagħmel referenza għall-provi

kollha tal-kawża u tirriżerva illi tagħmel osservazzjonijiet u provi ulterjuri li jkun hemm bżonn, titlob bir-rispett illi s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Mejju, 2006, fil-kawża fl-ismijiet fuq premessi għandha tiġi mħassra u revokata għal kollox għar-raġunijiet fuq mogħtija u konsegwentement għall-istess raġunijiet tordna li l-kawża fl-ismijiet premessi għandha tiġi ritrattata, bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' attriċi appellanta (*sic*)";

Rat ir-Risposta mressqa mill-kumpannija attriċi appellanti fis-17 ta' Awissu, 2006, li biha u għar-raġunijiet fiha mfissrin, saħqet li t-talba tal-kumpannija appellata ma jistħoqqilhiex tintlaqa' għaliex (a) hija naqset li ssemmi – kif jitlob li għandu jsir l-artikolu 816 tal-Kodiċi tal-Proċedura – liema kien l-artikolu tal-liġi li messu kien applikat fis-sentenza li minnha tilminta; (b) it-talba tikkonsisti fi kritika tal-evalwazzjoni tal-provi magħmula minn din il-Qorti, liema evalwazzjoni ma twassalx għall-applikazzjoni tal-artikolu 811(e); u (ċ) li l-kawżali l-oħra li fuqha tinbena t-talba għar-ritrattazzjoni – l-artikolu 811(ġ) – ma tgħoddx lanqas għaliex is-sentenza ipprovdiet dwar dak li ntalab u fil-qies tal-azzjoni li saret;

Rat it-tliet Noti ta' astensjoni tal-31 ta' Awissu, 2006, imressqin għall-finijiet tal-artikolu 734(1)(d)(ii) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili;

Rat id-degriet tagħha (diversament komposta) tas-16 ta' Ottubru, 2006, li bih ċaħdet it-talba magħmula mill-kumpannija appellata b'rikors tagħha tal-25 ta' Lulju, 2006, biex titwaqqaf l-esekuzzjoni tas-sentenza tagħha tas-26 ta' Mejju, 2006, sakemm jintemmu l-proċeduri tar-ritrattazzjoni;

Rat is-surroga tas-17 ta' Ottubru, 2006[1], li biha twaqqfet din il-Qorti kif issa kostitwita;

Rat l-atti tal-kawża fl-ismijiet premessi maqtugħa minn din il-Qorti fis-26 ta' Mejju, 2006;

[1] Paġ. 63 tal-inkartament tar-ritrattazzjoni

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tas-27 ta' Novembru, 2006;

Rat id-degriet tagħha tas-27 ta' Novembru, 2006, li bih u fuq talba tal-appellanti, tat lill-partijiet żmien biex iressqu Noti ta' Sottomissjonijiet ulterjuri;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija appellata rikorrenti fit-2 ta' Jannar, 2007;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija appellanti intimata fid-29 ta' Jannar, 2007, bi tweġiba għal dik tal-appellata;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din il-kawża tirrigwarda talba għal żgumbrament tal-kumpannija appellata rikorrenti minn art imsejħa "Tal-Għonq" jew "Tan-Nuffara" jew "Ta' Ċiangar", fil-limiti ta' Victoria, Għawdex, li tagħha l-kumpannija appellanti intimata hija s-sid. Ir-raġuni miġjuba 'l quddiem għat-talba tal-iżgumbrament hi li l-kumpannija appellata m'għandhiex titolu fuq l-imsemmija art;

Illi b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Superjuri fit-8 ta' Frar, 2005[2], dik il-Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni preliminari tal-kumpannija mħarrka, imma laqgħet l-eċċezzjoni tagħha fil-mertu (billi sabet li din kellha titolu ta' kommodat għall-art in kwestjoni) u b'hekk ċaħdet it-talbiet tal-kumpannija attriċi;

Illi b'sentenza mogħtija minn din il-Qorti fis-26 ta' Mejju, 2006[3], intlaqa' l-appell u dan billi ħassret u irrevokat l-imsemmija sentenza tat-8 ta' Frar, 2005, u ordnat lill-kumpannija mħarrka appellata biex toħroġ mill-imsemmija art fi żmien xahrejn minn dakinhar tas-sentenza, u dan bla

[2] Paġġ. 256-263
[3] Paġġ. 32 sa 41 tal-inkartament tal-appell

ħsara għal kull dritt ta' kumpens li l-istess kumpannija appellata "jista' jkollha għall-ispejjeż u benefikati magħmula minnha" fuq l-istess art. Is-sentenza ordnat ukoll li l-kumpannija mħarrka appellata tħallas l-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

Illi b'rikors imressaq fil-25 ta' Lulju, 2006[4], il-kumpannija rikorrenti talbet, għar-raġunijiet hemm imsemmija, li dik l-aħħar sentenza titħassar u t-trattazzjoni fi stadju tal-appell terġa' ssir mill-ġdid fuq il-kawżali maħsuba fl-artikolu 811(e) u l-artikolu 811(ġ) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi l-ewwel osservazzjoni li għandha ssir hija li r-ritrattazzjoni hija rimedju straordinarju ammess biss fil-każijiet stabiliti fil-liġi liema ċirkostanzi huma tassattivi u għandhom jingħataw tifsira ristretta u bla tiġbid jew analoġija[5]. Sadattant, ix-xogħol ta' din il-Qorti, sakemm tkun għadha qegħda tqis jekk jeżistux raġunijiet tajbin biżżejjed biex tħassar is-sentenza attakkata, huwa dak li tqis biss jekk kemm-il darba tirriżultax imqar waħda miċ-ċirkostanzi proċedurali maħsubin fl-artikolu 811 tal-Kodiċi Proċedurali. Fl-istadju *in rescindendo* din il-Qorti m'għandhiex tgħarbel mil-ġdid dwar jekk hi taqbilx jew le mal-mod kif il-Qorti tkun waslet għall-fehmiet tagħha fis-sentenza attakkata;

Illi dan kollu jinġabar taħt ir-regola li huwa mixtieq u meħtieġ li jkun hemm iċ-ċertezza tad-dritt u fejn kawża tkun inqatgħet b'sentenza li tkun għaddiet f'ġudikat din m'għandhiex titwaqqa' kif ġieb u laħaq, imma biss għal raġunijiet serji u gravi. Dan kollu mbagħad jissejjes fuq il-massima li *res judicata pro veritate habetur*;

Illi huwa wkoll prinċipju aċċettat li l-proċess ta' ritrattazzjoni ma jservix bħala t-tieni appell, b'mod li taħt l-iskuża ta' xi nuqqas proċedurali, l-Qorti tkun mistiedna biex terġa' twettaq eżerċizzju ta' ri-eżami li, fil-fatt, ma jkun xejn aktar minn skrutinju mill-ġdid tal-konsiderazzjonijiet diġa' magħmul mill-Qorti fis-sentenza li tagħha jintalab it-

[4] Paġġ. 43-7 tal-inkartament tar-ritrattazzjoni
[5] App. Inf. **12.5.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Mildred Ferrando vs Loris Bianchi pro et noe***

tħassir u s-smigħ mill-ġdid. Dan jgħodd għal kull waħda mill-kawżali maħsubin fl-artikolu 811 tal-Kodiċi[6];

Illi **dwar il-kawżali tal-applikazzjoni ħażina tal-liġi** (Art. 811(e) tal-Kap 12), ir-rikorrenti tgħid li din il-Qorti, fis-sentenza li tagħha qegħda titlob it-tħassir, "żbaljat legalment meta meta għaddiet biex tagħmel apprezzament mill-ġdid tal-fatti u provi prodotti u dana meta fl-istess nifs l-istess Qorti tal-Appell esprimiet ruħha fis-sens li ma tistax tagħmel u ma kinitx sejra tagħmel tali valutazzjoni";

Illi biex jitqies li f'sentenza saret applikazzjoni ħażina tal-liġi, jeħtieġ jintwera li, meta l-fatti huma tassew kif stabiliti f'dik is-sentenza, d-deċiżjoni ma tkunx skond il-liġi. Dan mhux biżżejjed, għaliex ma hemm lok għall-ebda ritrattazzjoni jekk kemm-il darba l-kwestjoni tkun fuq interpretazzjoni ta' liġi li fuqha l-Qorti tkun tat deċiżjoni;

Illi minn dan joħroġ li s-smigħ mill-ġdid ta' kawża ma jingħatax fejn l-ilment tal-parti li titlob ir-ritrattazzjoni jkun dwar it-tifsira jew l-interpretazzjoni li l-Qorti (fis-sentenza attakkata) tkun tat lill-fatti li jirriżultawlha jew tal-liġi li tkun tgħodd għal dawk il-fatti. Ir-ritrattazzjoni tingħata biss meta għal dawk il-fatti aċċertati, tiġi wżata liġi li ma kinitx tapplika għall-każ. Terġa' u tgħid, f'każ bħal dan lanqas tingħata r-ritrattazzjoni jekk il-kwestjoni kienet tirrigwarda tifsira ta' liġi li fuqha l-Qorti tkun espressament iddeċidiet;

Illi l-funzjoni tal-Qorti li tinterpreta u tqis il-fatti li jirriżultawlha, flimkien mas-setgħa u d-dmir li tapprezzahom u tapplika għalihom il-liġi li tgħodd, huma l-qofol tal-eżerċizzju tagħha. Dan l-eżerċizzju jġib miegħu element ta' użu ta' diskrezzjoni raġunata li l-liġi espressament tagħti lill-ġudikant. Dwar dan l-eżerċizzju, ma jingħata l-ebda rimedju ta' ritrattazzjoni[7], u dan kemm jekk il-fehma raġonevoli li jkun wasal għaliha l-ġudikant tkun waħda oġġettivament tajba jew kif ukoll jekk ma

[6] App. Ċiv. **20.2.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Dalli vs Sare'*** (Kollez. Vol: **LXXX.ii.373**) u App. Inf. **20.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Catherine Caruana et. vs Anna Schembri et.,***

[7] App. Ċiv. **8.11.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Micallef vs Pavia*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.326**)

tkunx. Dawn jikkwalifikaw bħala "*i giudizi sovrani del magistrato*"[8];

Illi wieħed irid jagħraf bejn l-applikazzjoni ħażina tal-liġi u l-vjolazzjoni tal-liġi, li tfisser iċ-ċaħda diretta tal-preċett leġislattiv[9]. Iż-żewġ ċirkostanzi m'humiex l-istess ħaġa u m'għandhomx jitħalltu bħallikieku ħaġa waħda. L-applikazzjoni tal-liġi ħażina sseħħ meta jkun hemm nuqqas ta' qbil bejn il-fatti li jirriżultaw u l-liġi li kellha tapplika għal dawk il-fatti. Fi kliem l-awturi l-aktar imrawmin f'din il-materja, "*falsa applicazione* (di legge) *e' la sconvenienza di rapporto che passa tra la legge e il fatto. Havvi falsa applicazione di legge quando una disposizione generale fu applicata a caso sottratto per legge al dominio di quella disposizione, o quando una disposizione eccezionale fu applicata a casi a cui non si estende. ... (L)a falsa applicazione e' sempre positiva; e' un vero scambio che sposta il diritto o lo colloca una base arbitraria*"[10];

Illi bl-istess mod wieħed irid jagħraf bejn l-applikazzjoni ħażina tal-liġi u l-interpretazzjoni ħażina. L-interpretazzjoni jew it-tifsir tal-liġi hija wkoll waħda mill-attributi tas-sovranita' tal-ġudikant u, bħala tali m'hijiex suġġetta għar-ritrattazzjoni[11]. Għalhekk, biex tingħata r-ritrattazzjoni, irid jintwera li l-Qorti applikat il-liġi l-ħażina fis-sentenza attakkata u mhux li applikat b'mod ħażin il-liġi t-tajba li kienet tgħodd għall-każ[12]. Huwa minħabba f'hekk ukoll li l-liġi[13] – sewwasew b'riferenza għall-kawżali maħsuba fil-paragrafu (e) tal-arikolu 811 – trid li min jitlob is-smigħ mill-ġdid ta' kawża jsemmi wkoll liema messha kienet il-liġi t-tajba li suppost kienet applikata[14];

Illi biex jiġi mistħarreġ sewwa jekk hemmx lok li tingħata r-ritrattazzjoni taħt din il-kawżali, għandu jitqies li l-fatti riżultanti fis-sentenza attakkata huma tassew dawk li kienu hekk irriżultaw lil dik il-Qorti. M'għandhiex għalhekk

[8] Mattirolo <u>*Trattato di Diritto Giudiziario Civile*</u> (1904), Vol. IV, par. 1043
[9] Merċieca <u>*Mezzi Straordinarji ta' Impunjazzjoni tas-Sentenzi*</u> (2005), Kap 6, paġ. 126
[10] Borsari <u>*Il Codice Italiano di Procedura Civile Annotato*</u> (1872), f'par. 648
[11] App. Ċiv. **3.2.1930** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella Żarb vs Bartolo*** (Kollez. Vol: **XXVII.i.433**)
[12] App. Ċiv. **14.11.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Hicklin et vs Hicklin*** (Kollez. Vol: **LXXXI.ii.862**)
[13] Art 816 tal-Kap 12
[14] App. Ċiv. **24.9.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Salvino Testaferrata Moroni Viani et vs David Vella et***

il-Qorti li qegħda tisma' talba għas-smigħ mill-ġdid ta' kawża (jew biex tqis jekk għandhiex tħassar is-sentenza attakkata) terġa' tgħarbel il-fatti jew tagħtihom l-interpretazzjoni tagħha[15]. Jekk tagħmel hekk, tkun qegħda tibdel l-istitut tar-ritrattazzjoni f'wieħed ta' "tielet appell"[16] jew agħar, għaliex normalment lanqas il-Qorti fi stadju tal-appell ma tindaħal fid-diskrezzjoni tal-Qorti tal-ewwel grad dwar l-apprezzament u l-interpretazzjoni tal-fatti riżultanti;

Illi meta wieħed japplika l-prinċipji hawn fuq elenkati mal-fattispeċi tal-każ, wieħed jasal biex jgħid li l-ilment tal-kumpannija appellata rikorrenti m'huwiex fondat. Jidher li din tibni l-każ kollu tagħha fuq premessa għal kollox żbaljata. Din il-fehma terġa' tittenna u toħroġ ċara fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha[17]. Il-kumpannija appellata tgħid li din il-Qorti ma kellhiex is-setgħa u ma messhiex apprezzat mill-ġdid il-fatti li kellha quddiemha l-Qorti tal-ewwel istanza. Ma hemm l-ebda nuqqas fil-każ fejn qorti ta' reviżjoni, bħalma hija din il-Qorti, terġa' tqis mill-ġdid il-provi li jkunu tressqu quddiem qorti tal-ewwel istanza. Ir-regola li trid li, normalment, qorti fi grad ta' appell ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-qorti tal-ewwel istanza ma tfisser bl-ebda mod li, meta l-każ hekk jitlob, dik ir-reviżjoni ma ssirx. Dan jidher li tistqarru l-kumpannija apellata rikorrenti fin-Nota tagħha wkoll[18];

Illi fis-sentenza li minnha issa qegħda tilmenta l-kumpannija appellata, jingħad b'mod ċar u b'riferenza għal deċiżjonijiet oħrajn mogħtija qabilha f'liema ċirkostanzi qorti fi grad ta' appell tista' tindaħal biex tistħarreġ mill-ġdid l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet qorti tal-ewwel istanza, u x'inhu l-grad ta' konvinċiment li l-parti appellanti trid turi biex il-qorti tagħmel dan[19];

---

15 App. Ċiv. **17.1.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella et vs Is-Segretarju tad-Djar et*** (Kollez. Vol: **LXXX.ii.299**) u App. Ċiv. **17.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Perit Guido Vella vs Avukat Emanuel Ċefai*** , fost oħrajn

16 App. Ċiv. **18.4.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Aquilina vs Aquilina*** (Kollez. Vol: **XLII.i.227**)

17 Ara Par. 7 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha tat-2.1.2007

18 *Ibid.* Par. 8-11

19 Ara Par. 9.2 u 9.3 tas-sentenza

Illi din il-Qorti, imbagħad, qabdet il-provi li tressqu quddiem l-ewwel Qorti u, mingħajr ma bidlet xejn minnhom u bit-tħaddim tal-prinċipji ermenewtiċi aċċettati dwar l-interpretazzjoni tal-provi, waslet għal fehma li kienet differenti minn dik tal-ewwel Qorti. Sabet li t-titolu ta' kommodat li l-ewwel Qorti kienet soddisfatta bih ma kienx ġie ippruvat kif imissu. Dan l-eżerċizzju, fil-fehma ta' din il-Qorti kif issa komposta, ma jista' bl-ebda mod jitqies li jwassal għat-tħassir tas-sentenza fuq il-kawżali magħżula mll-kumpannija appellata. Lanqas ma jista' jingħad – bħalma tallega l-istess appellata – li din il-Qorti (fis-sentenza impunjata tas-26 ta' Mejju, 2006) kienet intrabtet li ma tistħarriġx il-provi mressqa quddiem l-ewwel Qorti, u mbagħad għamlet il-kontra ta' dak li ddikjarat u għaddiet għal dak l-istħarriġ;

Illi, fit-tieni lok, ma jidhirx lanqas li s-sentenza applikat liġi minflok oħra. Il-każ kollu kien jirrigwarda x'tip ta' titolu seta' kellha l-kumpannija appellata fuq l-art in kwestjoni. Minħabba li l-ewwel Qorti, mill-ġabra ta' provi li kellha quddiemha, kienet waslet għall-fehma li l-kumpannija mħarrka kienet tgawdi titolu li jaqbel mal-kuntratt tal-kommodat, applikat ir-regoli ta' dak l-istitut. Dan huwa wkoll it-titolu li l-kumpannija appellata tgħid u tisħaq li tgawdi wkoll f'din l-istanza. Is-sentenza ta' din il-Qorti tas-26 ta' Mejju, 2006, ma ssemmix istitut ieħor. Imma sabet li, **fuq il-fatti li kienu diġa' fl-atti tal-kawża** sa mill-ewwel istanza, ma kienx hemm provi biżżejjed biex juru li l-istess appellata kellha dak il-jedd ta' kommodat minnha vantat;

Illi, fit-tielet lok, il-kwestjoni li issa tifforma s-sinsla tat-talba għar-ritrattazzjoni – jiġifieri, jekk kienx minnu li l-kumpannija appellata rikorrenti kellhiex jedd titolu fuq l-art mertu tal-każ – kienet kwestjoni ta' interpretazzjoni li dwarha din il-Qorti tat espressament deċiżjoni. Dan jidher minn qari tas-sentenza nnifisha. Minħabba f'hekk ukoll il-liġi ma tagħtix li ssir ir-ritrattazzjoni fuq din il-kawżali f'sitwazzjoni bħal din. Jidher li l-kumpannija appellata rikorrenti qegħda tipprova tinqeda b'din il-proċedura tar-ritrattazzjoni biex tħajjar lil din il-Qorti kif issa komposta biex terġa' tagħmel dak li din il-Qorti diġa' għamlet fis-

sentenza impunjata u li ma għoġobx lill-istess kumpannija appellata. Fi kliem ieħor, qegħda ssir stedina lil din il-Qorti biex tqis l-appell mill-ġdid. Dan joħroġ mill-fatt li l-kumpannija appellata rikorrenti tilmenta li, mill-mod kif imxew l-affarijiet sas-sentenza tas-26 ta' Mejju, 2006, hija tilfet il-benefiċċju tad-doppju eżami billi "mhux ser ikollha l-opportunita' ta' appell kuntrarjament għat-tellief tal-ewwel istanza". L-istitut tar-ritrattazzjoni m'għandux jintuża għal għan bħal dan;

Għalhekk, din il-Qorti ma ssibx li għandha tilqa' t-talba għas-smigħ mill-ġdid tal-kawża fuq din il-kawżali;

Illi **dwar il-kawżali li bis-sentenza ngħata aktar milli ntalab** (Art. 811(ġ) tal-Kap 12), il-kumpannija appellata rikorrenti tfisser l-ilment tagħha billi s-sentenza ngħatat "fuq materja oltre ossija in eċċess għal dak mitlub jew aħjar li seta' jintalab". Jingħad minnufih li din il-formulazzjoni oskura tal-ilment ma tfissirx sewwa fejn il-kumpannija appellata tara li ngħata xi ħaġa lil hinn milli kien intalab. Minbarra dan, la fir-rikors, la waqt it-trattazzjoni bil-fomm u wisq anqas fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha, ma jintefa dawl aħjar fuq l-imsemmija lanjanza. Fl-aħħar sottomissjonijiet tagħha, l-kumpannija appellata rikorrenti bilkemm issemmi dan l-aggravju u bħal tordmu taħt il-frażi "wettqet eżerċizzju li mhux fis-setgħa tagħha li tagħmel jekk mhux f'każijiet eċċezzjonali, li ma kienx il-każ fil-proċeduri li s-soċjeta' konvenuta qiegħda tillamenta minnhom"[20];

Illi meta titqies il-kawżali tal-*ultra petita* huwa meħtieġ li wieħed jara x'ikun intalab. Il-kriterju hu li t-talba f'kawża titqies minn dak li jissemma fl-att li bih il-kawża tinbeda. Mill-formulazzjoni ta' dak l-att tal-bidu, wieħed ikun jista' jqis jekk dak mogħti fis-sentenza jkunx għal kollox 'il barra minn dak li ntalab (*extra petita*) jew ikunx aktar minn dak li ntalab (*ultra petita*). Fil-każ tal-lum, il-kumpannija appellata rikorrenti qegħda tilminta minn din tal-aħħar. Ikun hemm każ ta' eċċess bħal dan fejn il-ġudikant "jibbaża r-raġuni tad-deċiżjoni fuq titolu, kawżali jew fatt

[20] *Ibid.* Par 14

ġuridiku, essenzjalment differenti minn dak li, permezz ta'azzjonijew eċċezzjoni, jiġi dedott mill-partijiet in sostenn tal-konklużjonijiet tagħhom"[21]. Dan il-każ ma jgħoddx fih iċ-ċirkostanza fejn Qorti tipprovdi rimedju li, għalkemm ma jissemmiex bħala talba espressa, joħroġ *ex necessaria consequentia* minn talba oħra li tkun magħmula[22];

Illi meta wieħed iqis dak li talbet il-kumpannija appellanti intimata fil-bidunett tal-kawża u jqabblu ma' dak li ipprovdiet din il-Qorti fis-sentenza tagħha tas-26 ta' Mejju, 2006, wieħed għandu jsib li dak li ngħata kien sewwasew dak li ntalab. Intalab l-iżgumbrament tal-appellata u ngħata dak l-iżgumbrament. Il-fatt li din il-Qorti qalbet il-konklużjoni milħuqa mill-Qorti tal-ewwel istanza ma jista' bl-ebda mod jitfisser bħala l-għoti ta' xiħaġa lil hinn minn dak li ntalab. Id-dispożittiv tas-sentenza, ukoll jekk mogħtija minn Qorti fi grad tal-appell, irid jitqabbel ma' dak li jkun intalab fl-att promotur tal-kawża u mhux ma' dak li tkun iddeċidiet il-Qorti tal-ewwel grad[23];

Illi għalhekk, ukoll, ma jistax jingħad li l-kumpannija appellata rikorrenti seħħilha turi li s-sentenza li minnha tilmenta għandha titħassar fuq din il-kawżali;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi billi **tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti** Rapa Brothers Company Limited, bl-ispejjeż kontra tagħha, billi ma jirriżultawx il-kundizzjonijiet li jwasslu għat-tħassir tas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fis-26 ta' Mejju, 2006, u għas-smigħ tagħha mill-ġdid.

**< Sentenza Finali >**

[21] Merċieca *Mezzi Straordinarji ta' Impunjazzjoni tas-Sentenzi*, paġ. 145
[22] App. Ċiv. **5.2.1934** fil-kawża fl-ismijiet ***Saguna pro et noe vs Vella*** (Kollez. Vol: **XXVIII.i.818**)
[23] App. Ċiv. **14.11.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Hicklin et vs Aġius*** (Kollez. Vol: **LXXXI.ii.862**)

---------------------------------TMIEM---------------------------------